

Ir-rikorrenti ssostni, b'mod partikolari, żball manifest ta' evalwazzjoni fid-determinazzjoni tar-responsabbiltà *in solidum* għalksur allegatament imwettaq minn Roca France u Laufe Austria, peress li nqabeż b'mod kunsiderevoli l-ammont massimu tal-multa li jista' jiġi impost skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat <sup>(1)</sup>.

Ir-rikorrenti ssostni wkoll li d-deċiżjoni kkontestata tinjora, mingħajr motivazzjoni, il-prova sostanzjali li hija pproduċiet, li tikkonfuta l-preżunzjoni li r-rikorrenti kienet teżerċità influenza deċiżiva fuq Roca France u Laufe Austria għall-finijiet tal-attribuzzjoni tar-responsabbiltà u tal-kalkolu tal-multa.

Skont ir-rikorrenti, id-deċiżjoni kkontestata tmur kontra d-drittijiet tad-difiża, peress li tibbaża r-responsabbiltà tagħha fuq punti ta' fatt u fuq evalwazzjonijiet suġġettivi li ma ssemwewx fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, u li fir-rigward tagħhom ir-rikorrenti ma nġhatatx l-opportunità li tippreżenta l-kummenti tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205

### **Rikors ippreżentat fit-13 ta' Settembru 2010 — Bottega Veneta International vs UASI (Forma ta' basket tan-nisa)**

(Kawża T-409/10)

(2010/C 301/89)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### **Partijiet**

**Rikorrenti:** Bottega Veneta International Sàrl (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: P. Roncaglia, avukat, G. Lazzeretti, avukat, M. Boletto, avukat, E. Gavuzzi, avukat)

**Konvenut:** L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

#### **Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern, tas-16 ta' Ġunju 2010, fil-Każ R 1247/2009-1;

— tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern għall-ispejjeż ta' din il-kawża u tal-proċedimenti ta' appell quddiem l-Ewwel Bord tal-Appell.

#### **Motivi u argumenti prinċipali**

**Trade mark Komunitarja kkonċernata:** Trade mark li għandha bħala suġġett sinjal distintiv tridimensjonali magħruf bħala basket "veneta" (Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 6632608), għal prodotti fil-klassi 18 ("basktijiet u basktijiet tan-nisa")

**Deċiżjoni tal-eżaminatur:** Applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda.

**Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:** Appell miċħud.

**Motivi invokati:** Ksur tar-Regola 9(3)(a) tar-Regolament Nru 2868/95 u tal-Artikolu 7(1)(b) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009.

### **Rikors ippreżentat fit-13 ta' Settembru 2010 — Bottega Veneta International vs UASI (Forma ta' basket tan-nisa)**

(Kawża T-410/10)

(2010/C 301/90)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### **Partijiet**

**Rikorrenti:** Bottega Veneta International Sàrl (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: P. Roncaglia, avukat, G. Lazzeretti, avukat, M. Boletto, avukat, E. Gavuzzi, avukat)

**Konvenut:** L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

#### **Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern, tas-16 ta' Ġunju 2010, fil-Każ R 1539/2009-1;

— tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern għall-ispejjeż ta' din il-kawża u tal-proċedimenti ta' appell quddiem l-Ewwel Bord tal-Appell.

#### **Motivi u argumenti prinċipali**

**Trade mark Komunitarja kkonċernata:** Trade mark li għandha bħala suġġett sinjal distintiv tridimensjonali magħruf bħala basket "Cabat" (Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 6632566), għal prodotti fil-klassi 18 ("basktijiet u basktijiet tan-nisa")

**Deċiżjoni tal-eżaminatur:** Applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda

**Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:** Appell miċħud